MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-30 ta' April, 2008

Appell Civili Numru. 314/2006/1

**Bromford Iron & Steel Co (Med) Ltd**

**vs**

**Mario Caruana**

**Il-Qorti,**

Fit-28 ta' Settembru, 2007, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta` April, 2006 fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallasha s-somma ta` elf u erba` mitt lira (Lm1,400) rapprezentanti bilanc ta` prezz fuq vettura Audi 80 debitament konsenjata lill-konvenut ghal prezz ta` erba` t'elef lira maltin (Lm1,400) skond ftehim bejn il-partijiet minn liema

ammont jonqos il-bilanc hawn mitlub li ilu dovut mill-11 ta` Settembru, 2000.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali ai termini ta` l-artikolu 166A Kap. 12 datata 12 ta` Dicembru, 2005 u bl-interessi mill-11 ta` Settembru, 2000 kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 1 ta` Gunju, 2006 fejn isostni li ma ghandu jaghti xejn anzi li ghandu jithallas hu mis-socjeta` attrici u fi kwalunkwe kaz ebda interessi m`huma dovuta peress li hekk kien il-ftehim. B'riserva ta` eccezzjonijiet ulterjuri. L-istess konvenut ressaq kontro-talba fejn talab li s-socjeta attrici ghandha tigi kkundannata thallsu s-somma ta` elf u hames mitt lira (Lm1,500) ghal terminazzjoni ta` l-impjieg tieghu skond ma kif obbligat ruhha li taghmel a tenur ta` ittra datata 12 ta` Settembru, 2000, iffirmata mic-chairman Derek Jones.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 30 ta` Marzu, 2005 u bl-imghaxijiet dekorribbli mit-12 ta` Settembru, 2000 kontra l-istess socjeta` attrici ngunta in subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta` attrici ghal kontro-talba tal-konvenut fejn irrespinga l-istess in vista tal-fatt li fl-ewwel lok (1) din kienet preskritta ai termini ta` l-artikolu 2148 (d) Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta – aktar `il quddiem is-socjeta` attrici ikkorregiet dan l-artikolu ghal 2147 (c) tal-istess kap, (2) Ebda tpacija ma tista` tigi pretiza ai termini ta` l-artikolu 1197, Kap. 16 peress illi l-allegazzjoni tal-konvenut mhux dirett lejn ammont cert, likwidu u dovut (3) u inoltre li kwalsiasi ammont talvolta dovut favur il-konvenut kellu jithallas prevja li javverraw ruhhom certa kundizzjonijiet.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Ezamina n-noti prezentati miz-zewg partijiet.

Ikkunsidra.

Illi dwar il-kontro-talba mressqa mill-konvenut ghandu jinghad illi ghalkemm huwa minnu li huwa kien intitolat li jithallas tal-vakanzi mhux mehuda u ta` xahar paga bhala notice, huwa minnu wkoll li meta socjeta` attrici donnha naqset li thallsu, huwa baqa` ma ha ebda passi legali kontra taghha sakemm gie affaccjat bl-odjerna talba tas-socjeta` attrici kontra tieghu, aktar minn hames snin wara. L-unika proceduri li ha kienu dawk ghal tkeccija ngusta quddiem it-Tribunal Industrijali, liema proceduri m`ghandhom x'jaqsmu xejn ma` talba ghal hlas ta` paga, ta` bonuses, ta` leave, ta` notice money jew ta` hlasijiet ohra simili. Tali talba kellha ssir jew quddiem il-Qrati ordinarji jew tramite d-Dipartiment tax-xoghol u tal-pulizija ezekuttiva ta` Malta. Illi dwar l-artikolu tal-ligi ta` preskrizzjoni applikabbli ghal kaz odjern, it-Tribunal huwa tal-fehma li dan ghandu jkun l-artikolu 2147 (c) li jitkellem dwar perjodu preskrittiv ta` sena.

Dwar l-Audi mibjugha lill-konvenut din kienet tappartjeni lill-istess socjeta` attrici u l-konvenut kien accetta li jixtriha minghandhom ghal prezz mitlub ta` Lm4,000. James Camilleri li xehed ghas-socjeta` attrici qal li l-kumpannija kienet accettat li thalli lill-konvenut ihallasha permezz ta` pagamenti u dana peress li huwa kien impjegat maghha. Hekk gara il-vettura nbieghet lill-konvenut u huwa beda jhallasha ftit ftit permezz ta` pagamenti skond il-kumdita` tieghu. Il-konvenut stess kien izomm rendikont tal-flus li kien qed ihallas, print out ta` liema rendikont jidher tramite d-dokument ezebit u mmarkat Dok. JC1 a fol. 27 tal-process. Skond dan ix-xhud il-kaligrafija fuq dan id-dokument li jindika bilanc ta` Lm1,400 mill-11 ta` Settembru 2000 kienet ta` l-istess konvenut fejn anke hemm il-firma tieghu wkoll.

Anzi dan ix-xhud isostni li dan id-dokument gie mghoddi lilu mill-istess konvenut qabel ma gie tterminat l-impjieg tieghu.

Fix-xhieda tieghu Mario Caruana jispjega tramite prospett immarkat Dok. MC1 f`hiex tikkonsisti l-kontro-talba tieghu. Dwar il-vettura Audi huwa jikkonferma li kien xtraha minghand is-socjeta` attrici u li kellu jhallasha “over a number of years” – kemm ma jafx pero` certament “interest free”. In kontro-ezami jikkonferma li fadallu jhallashom is-somma ta` Lm1,400 u li dan l-ammont ma jinkludix interessi. James Camilleri in kontro-ezami ma setax jikkonferma o meno l-korrettezza tal-prospett ezebit mill-konvenut peress illi kien l-istess konvenut li kien izomm dawn ir-records tas-socjeta` attrici u meta tkecca la rritorna s-CDs, oltre li sabu l-informazzjoni fuq il-hard disc kollha mhassra.

Illi ghalhekk mill-provi prodotti ghandu jirrizulta anke fuq ammissjoni ta` l-istess konvenut li s-socjeta` attrici hija gustifikata fl-azzjoni taghha filwaqt li l-kontro-talba tal-konvenut tinsab preskritta ai termini ta` l-artikolu 2147 (c), Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta. Illi dwar l-interessi mitluba mis-socjeta` attrici dawn ghandhom jibdew ighaddu minn notifika ta` l-ittra ufficcjali datata 12 ta` Dicembru, 2005 prezentata ai termini ta` l-artikolu 166A tal-Kap. 12 u fin-nuqqas ta` notifika mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jirrespingi l-eccezzjonijiet u l-kontro-talba sollevati mill-konvenut kwindi jilqa` l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` attrici kif korretta dwar il-preskrizzjoni tat-talba tal-konvenut u kif ukoll jilqa` t-talbiet attrici, u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta` elf u erba` mitt lira (Lm1,400), bl-imghax legali dekorribbli kif

> spjegat hawn fuq filwaqt li l-ispejjez ta` l-odjerna procedura ghandha fuq bazi ta` ekwita tibqa` bla taxxa bejn il-partijiet.**"**

Bl-appell tieghu l-konvenut jikkontesta sostanzjalment dik il-parti tas-sentenza fejn it-Tribunal cahadlu l-kontro-talba tieghu wara li akkolja l-preskrizzjoni qasira a norma ta' l-Artikolu 2147 (c) tal-Kodici Civili. Huwa jilmenta li l-eccepita preskrizzjoni ma kellhiex tigi akkolta billi fuq l-interpretazzjoni tieghu ta' l-ittra tal-kumpanija attrici tat-12 ta' Settembru, 2000 il-materja kienet se mai regolata mid-dispost ta' l-Artikolu 2156 (f) ta' l-istess Kodici Civili relattiv ghall-preskrizzjoni kwinkwennali. Perijodu dan li skond l-istess appellanti gie interrot bl-ittra ufficcjali tieghu tat-30 ta' Marzu, 2005. Ghas-sostenn ta' dawn is-sottomissjonijiet tieghu l-konvenut appellanti jiccita d-decizjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili riportata a **Vol. XLIII P II p 744**;

Hu *jus receptum* illi l-preskrizzjoni relattiva li talvolta tkun applikabbli ghandha rapport max-xorta tad-dritt li l-kreditur ta' l-obbligazzjoni jkun qed jikkonsegwixxi bit-talba jew bil-kontro-talba tieghu. Ara **Vol. XXVIII P I p 726** u **Vol. XXIX P II p 581** fost bosta ohrajn;

Issa fil-kaz prezenti l-konvenut appellanti jissottometti bit-talba rikonvenzjonali tieghu illi l-hlas minnu reklamat jirrapprezenta ammont dovut lilu konsegwentement ghat-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu. Fil-kors tax-xhieda tieghu (fol. 32), kif sopportata mill-ittra ta' l-Avukat tieghu a fol. 39, huwa jippreciza illi dik il-pretensjoni tieghu tikkonsisti f' ammont dovut bhala salarju, *bonuses*, "*outstanding holiday pay*" u "*1 month pay in lieu of notice*";

Dan premess, il-Qorti taghmel ukoll dawn l-osservazzjonijiet agguntivi rakkolti mir-rizultanzi istruttorji:-

(1) L-ittra tat-12 ta' Settembru, 2000 (fol. 18) mibghuta lill-konvenut fl-okkazjoni tal-licenzjament tieghu tghid li l-kumpanija attrici kienet qed tirrikonoxxi li ghandha thallsu "*in respect of any outstanding holiday pay*" u, ukoll, "*one month's pay in lieu of notice*";

(2) Fil-proceduri li l-konvenut ippersegwa quddiem it-Tribunal Industrijali fuq l-assunt li t-tkeccija tieghu kienet minghajr raguni tajba u sufficjenti huwa ma talabx il-hlas abbinat mal-pretensjoni tieghu ghal dik ir-raguni izda l-kumpens rizarcitorju ghal dik it-tkeccija;

(3) Id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali ta' l-14 ta' Gunju, 2004 (fol. 36) ma accettatx dik il-proposizzjoni tal-konvenut ta' tkeccija ingusta;

Stabbiliti dawn il-fatti, jidher li t-tezi ta' l-appellanti hi dik li d-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici kontenuta f' dik l-ittra tat-12 ta' Settembru, 2000 titrasmuta d-dritt tieghu minn wiehed naxxenti mir-rapport ta' impjieg ghal dak ta' kreditu pekunjarju li jattira lejh preskrizzjoni aktar prolungata minn dik qasira proposta mis-socjeta` attrici. Dejjem skond l-appellanti, dan id-dritt ta' kreditu tieghu hu jikkollokah fl-ambitu tat-terminu preskrizzjonali stabbilit fl-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili;

Bir-rispett dovut din it-tezi mhix kondiviza minn din il-Qorti. Dan ghas-segwenti konsiderazzjonijiet:-

(1) L-ewwelnett, dak id-dritt ta' l-appellanti ghas-sodisfaciment tal-kreditu tieghu ma jsirx wiehed awtonomu minn dak tal-kuntratt ta' impjieg li minnu dak l-istess dritt jittraxxendi;

(2) Fit-tieni lok, ir-rikonoxximent da parti tal-kumpanija attrici b' dik l-ittra taghha tat-12 ta' Settembru, 2000, filwaqt li guridikament timplika l-ammissjoni tad-debitu ta' l-ammont dovut ghal dik ir-raguni, tikkostitwixxi kawza interattiva ta' karattru istantaneju, kif hekk provvdut

bl-Artikolu 2133, Kodici Civili. Li jfisser allura li z-zmien anterjuri ta' preskrizzjoni jigi annullat;

(3) B' danakollu, u fit-tielet lok, kontestwalment ma' dak l-effett hemm il-bidu ta' dekorriment ta' perijodu preskrizzjonali gdid. Dan jistatwih l-Artikolu 2136 tal-Kodici Civili;

(4) Il-fattispeci tal-kaz prezenti hu ben differenti minn dak tad-decizjoni citata mill-appellanti. F' dan il-kaz ma jistax jinghad illi b' dik l-ittra nholqot xi konvenzjoni gdida bejn il-partijiet, kif hekk kien dak il-kaz l-iehor f' dik id-decizjoni izda l-obbligazzjoni rikonoxxuta mill-kumpanija attrici appellata baqghet dejjem wahda interdipendenti mill-kuntratt ta' impjieg, u mhux indipendenti minnu. Ghamel sewwa allura t-Tribunal li ma segwiex dak l-indirizz gurisprudenzjali ghall-fattispeci;

(5) Jitnissel minnu dan kollu illi t-terminu ta' preskrizzjoni li mieghu hu abbinat il-kreditu *de quo* pretiz mill-appellanti jibqa' dak brevi ghal liema jirreferi l-Artikolu 2147 (c). F' dan il-kaz it-terminu ta' sena prevvist f' dan l-artikolu kien diga estint meta giet ipprezentata mill-appellanti l-ittra ufficcjali tat-30 ta' Marzu, 2005.

Ghal dawn il-konsiderazzjonijiet premessi, l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata, ikkonfermata, bl-ispejjez kontra l-konvenut appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------